MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 1507/2000/1

**ATLAS INSURANCE AGENCY LTD. u dawn bħala aġenti ta' AXA Insurance p.l.c., ġja' Guardian Royal Exchange p.l.c., kif surrogati bil-liġi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat tagħhom Mario Schembri u f'ismu proprju u b'Nota tat-12 ta' Mejju, 2004, il-kumpannija Atlas Insurance Limited assumiet l-atti tal-kawża minflok il-kumpannija attriċi Atlas Insurance Agency Limited**

**vs**

**Eric MUSCAT u b'degriet tat-18 ta' Frar, 2004, il-kumpannija Fogg Insurance Agency Limited inħatret bħala kuratriċi tal-imħarrek Eric Muscat, assenti minn Malta**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-20 ta' Lulju, 2000, li bih l-atturi ippremettew;

Billi l-vettura EBF 042 hija proprjeta' tal-assigurat u assigurata b'polza ta' assigurazzjoni 'comprehensive 1 mal-attur nomine ħlief għall-ħamsa u għoxrin Lira Maltin (Lm25) 'excess'.

Billi fl-10 ta' Diċembru 1999 ġo Ħal Luqa, il-konvenut kien qed isuq vettura IAU 202 u ħabat mal-vettura EBF 042 proprjeta' ta' Mario Schembri u misjuqa minnu u kkawża ħsarat fuq din il-vettura u għal dan l-inċident kien hu unikament responsabbli minħabba non-osservanza tar-regolament tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Billi l-atturi ħallsu Lm1479 (elf erba' mija u disa' u sebgħin Lira Maltin) kwantu għall-Lm1454 (elf erba' mija u erba' u ħamsin Lira Maltin) imħallsa mill-assigurazzjoni nomine u kwantu għall-ħamsa u għoxrin Lira Maltin (Lm25) 'excess' imħallsa minn Mario Schembri.

Billi interpellat, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Għaldaqstant, is-soċjeta' attriċi titlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1 Tiddikjara unikament responsabbli l-konvenut għall-inċident stradali fuq imsemmi għar-raġunijiet hemm ċitati;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont komplessiv ta' Lm1479 (elf erba mija u disa' u sebgħin Lira Maltin) jew somma oħra verjuri li tillikwida din il-Qorti, mħallsa mill-attur nomine u għal liema somma jinsab surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tiegħu kwantu għall-Lm1454 danni mħallsa mill-assigurazzjoni u kwantu għall-Lm25 'excess';
3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas dik is-somma hekk likwidata bħala danni.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' April 2000 u bl-imgħax tat-8% fuq Lm1479 mill-lum sal-ħlas effettiv, u bl-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tal-lum kontra Fogg Insurance Agencies Ltd. assiguraturi tal-konvenut, kontra l-konvenut li hu nġunt għas-subizjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien mal-għaxar (10) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fl-1 ta’ Novembru, 2000, li biha l-imħarrek eċċepixxa;

1. Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom stante illi għall-inċident in kwistjoni l-konvenut ma kellu l-ebda tort;

2. Salv kull eċċezzjoni ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta’ Jannar, 2001[1], li bih ordnat bdil f’xi atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-14 ta’ Mejju, 2001[2], li bih ħatret lill-avukat Dottor Greta Mifsud Aġius bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma’ x-xhieda tal-attur Mario Schembri, liema ħatra inbidlet b’degriet ieħor tat-18 ta’ Frar, 2003, bil-ħatra ta’ l-avukat Dottor Christopher Ċilia;
Rat id-degriet mogħti waqt is-smigħ tat-18 ta’ Frar, 2004[3], fuq Nota mressqa dak inhar, li biha ħatret lill-kumpannija Fogg Insurance Agency Limited bħala kuratriċi fl-atti tal-kawża f’isem l-imħarrek li emigra minn Malta;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat id-dokument imressaq mill-kumpannija Fogg Insurance Agency Limited, u qieset l-oġġezzjoni reġistrata mill-avukat tal-kumpannija attriċi għas-siwi probativ tal-imsemmi dokument;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

[1] Paġ. 26 tal-proċess
[2] Paġ. 45 tal-proċess
[3] Paġ. 67 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tat-18 ta' Frar, 2004, tat-13 ta' Mejju, 2004, u tas-7 ta' Ottubru, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal kundanna ta' ħtija u ħlas ta' danni f'ħabta bejn żewġ karozzi. Il-kumpannija attriċi hija l-assikuratriċi tal-attur l-ieħor Mario Schembri li, waqt li kien qiegħed isuq, intlaqat mill-karozza misjuqa mill-imħarrek;

Illi għal din l-ażżjoni l-imħarrek laqa' billi qal li ma kienx jaħti għall-ħabta, imma kien jaħti l-attur innifsu;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti juru li l-inċident seħħ fl-10 ta' Diċembru, 1999, fi Triq San Tumas, Ħal Luqa, għall-ħabta tal-11.30 ta' filgħodu. L-attur Mario Schembri kien qiegħed isuq il-vettura tal-għamla *Peugeot 306 Stationwagon*, reġistrata EBF-042, filwaqt li l-imħarrek kien qed isuq il-karozza tal-għamla *Ford Cortina Saloon*, reġistrata IAU-202. Il-karozza tal-attur kienet assikurata mal-kumpannija attriċi taħt polza *comprehensive*, filwaqt li l-karozza misjuqa mill-imħarrek kienet assikurata mal-kumpannija Fogg Insurance Agency Limited. Il-karozza misjuqa mill-attur ġarrbet ħsarat fuq in-naħa tal-lemin ta' wara tagħha, filwaqt li dik misjuqa mill-imħarrek kellha ħsara fuq il-*mudguard* xellugi ta' quddiem, il-*bumper* ta' quddiem u l-*bonnet*. Iż-żewġ sewwieqa kienu waħedhom u ma kellhomx passiġġieri magħhom meta seħħet il-ħabta. Il-parti tat-triq fejn seħħet il-ħabta għandha żewġ korsiji f'kull direzzjoni. Il-kawża nfetħet fl-20 ta' Lulju, 2000;

Illi l-attur xehed[4] li huwa minn Ħal Luqa u kien midħla ta' t-triq fejn seħħet il-ħabta. Kien sejjer minn Ħal Luqa lejn Ħal Qormi u kien ser idur lejn il-lemin tiegħu biex jidħol fi

[4] Xhieda tiegħu 12.6.2003, f'paġġ. 58 sa 61 tal-proċess

triq oħra biex jibqa' nieżel lejn Ħal Qormi. L-imħarrek kien ġej fl-istess direzzjoni minn warajh. L-attur seħaq li kien miexi bil-mod ("*dead slow*") qrib sewwa tas-*centre strip* u kien xegħel l-*indicator* biex juri li kien sejjer idur għal ġo triq oħra li kienet aktar 'il quddiem minnu. Ċaħad li qasam il-korsija biex jilwi għan-naħa tal-lemin, għax qal li baqa' dejjem fuq il-korsija ta' barra. Mad-daqqa, il-karozza tiegħu daret tħares lejn mnejn kienet ġejja. Ix-xhud P.S. 679 Camilleri xehed[5] li irriżultalu li l-partijiet kienu qegħdin isuqu fl-istess direzzjoni u li fit-triq ma kienx hemm marki jew sinjali dak inhar tal-inċident. Qal li, mill-verżjonijiet li taw il-partijiet dak inhar li aċċeda fuq il-post, il-ħabta seħħet meta l-imħarrek ipprova jaqla' lill-attur;

Illi, l-imħarrek qatt ma xehed matul il-kawża, għaliex telaq minn Malta. Il-verżjoni li għandha l-Qorti hija dik mogħtija minnu lill-uffiċjal tal-pulizija li ħejja r-rapport tal-ħabta. Minn din l-għajn ta' prova, joħroġ li l-imħarrek jistqarr li huwa kien qed isuq fl-istess direzzjoni tal-attur u li kien warajh; jistqarr ukoll li kien qiegħed jaqbeż il-karozza misjuqa mill-attur; u jistqarr ukoll li li, bil-manuvra li għamel l-attur, ma seħħlux iwaqqaf biex jevita l-ħabta mal-karozza misjuqa mill-attur;

Illi, fil-fatt, id-diskrepanza waħdanija li teżisti bejn il-verżjoni tal-attur u dik tal-imħarrek tikkonsisti fil-kwestjoni dwar jekk kienx minnu li l-attur qaleb minn korsija għal oħra bla ma ta avviż xieraq lil min kien qiegħed isuq warajh. Minħabba li kien l-imħarrek li qanqal din il-verżjoni, kien jaqa' fuqu li jipprova fi grad xieraq u kif imiss skond il-liġi dak minnu allegat;

Illi meta wieħed jiġi biex iqis <u>min għandu jitqies responsabbli għall-ħabta</u>, il-fatt ewlieni li wieħed irid iżomm quddiem għajnejh huwa li l-karozza misjuqa mill-attur intlaqtet mill-karozza misjuqa mill-imħarrek fuq wara u dan meta ż-żewġ vetturi kienu sejrin fl-istess direzzjoni. Dan il-fatt jitfa' preżunzjoni ta' ħtija fuq l-imħarrek għaliex f'każ ta'ħabta bħal din, huwa dejjem is-sewwieq tal-vettura ta' wara li għandu jinżamm responsabbli għall-ħabta, billi

[5] Xhieda tiegħu 9.3.2001, f'paġġ 32 sa 42 tal-proċess

huwa jmissu jżomm "*a proper lookout*" ta' dak li jiġri quddiemu, iżomm bogħod biżżejjed bejnu u l-karozza li tkun qegħda tinsaq quddiemu, u jkun f'qagħda li jista' jieħu miżuri f'waqthom biex jevita l-ħabta mal-karozza ta' quddiemu[6];

Illi, madankollu, mhux kull sewwieq li jaħbat ma' karozza li tinzerta quddiemu x'ħin isseħħ il-ħabta tabilfors jirriżulta ħati ta' dik il-ħabta: dan iseħħ meta s-sewwieq ta' quddiem ifettillu jibdel il-korsija u jidħol f'dik tas-sewwieq li ġej minn warajh[7] għall-għarrieda u jaħsad lil dan. Dan jgħodd ukoll f'każ li s-sewwieq ta' quddiem ikun għamel sinjal li sejjer jaqleb il-korsija jew ser idur għal xi ġenb[8], u dan billi l-mixegħla waħedha tal-*indicator* m'hijiex liċenzja li tagħti jedd assolut lis-sewwieq li jkun u teħilsu minn kull responsabbilta' rigward kull min ikun ġej warajh. It-tħaddim tal-*indicator* huwa miżura għaqlija ta' sewqan responsabbli, li madankollu mhix aktar minn turija tal-intenzjoni tas-sewwieq dwar dak li feħsiebu jagħmel f'distanza raġonevoli 'l quddiem;

Illi, kif ingħad, il-prova li l-attur wettaq manuvra bħal din irid iressaqha s-sewwieq li kien ġej minn wara. F'din il-kawża, din hija d-difiża waħdanija li ressaq l-imħarrek. Huwa jixli lill-attur li daħal fil-korsija ta' barra u mbarralu l-mogħdija b'mod li ma setaxjevita l-ħabta. Biex tirnexxi din id-difiża, l-imħarrek ried iġib provi xierqa u tajbin biżżejjed, u mhux joqgħod fuq sempliċi allegazzjoni. Issa, f'dan il-każ, kif ingħad, l-imħarrek naqas li jersaq biex jixhed u l-verżjoni[9] waħdanija tal-allegazzjoni tiegħu tinsab fl-għoti tal-verżjoni tiegħu lill-pulizija li investiga l-każ. Din il-verżjoni m'hijiex biżżejjed, għaliex lanqas turi mqar remotament li l-attur kien qaleb il-korsija, filwaqt li turi li l-imħarrek stqarr li kien qiegħed jittanta jaqbeż il-karozza misjuqa mill-attur li kien hemm quddiemu;

Illi, b'żieda ma' dan, l-attur jiċħad għal kollox ix-xilja tal-imħarrek, u jisħaq li kien għoddu wieqaf x'ħin l-imħarrek baqa' dieħel fuqu. Mhux hekk biss, imma jtenni li kien fuq

[6] P.A. AJM **3.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Atlas Insurance Agency Ltd. vs Charles Sciberras***
[7] P.A. TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Ltd. vs Paul Portelli***
[8] App. Krim. Inf. DS **29.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Mario N. Grech***
[9] Paġ. 5 tal-proċess

il-korsija li fuqha ntlaqat sa minn ċerta distanza 'l bogħod, u l-ħabta seħħet xi erbgħin (40) metru lil hinn mit-triq li kien fi ħsiebu jidħol fiha. Dan kollu juri li mill-provi mressqa ma jistax jingħad li l-attur għamel il-manuvra li jaqleb għall-għarrieda għal-lemin tiegħu, kif irid li nemmnu l-imħarrek, u lanqas kellu għalfejn jagħmel hekk ladarba t-triq li kien sejjer jidħol fiha kienet xi ftit 'il bogħod aktar 'il quddiem;

Illi, fuq kollox, l-imħarrek innifsu stqarr li kien qiegħed jipprova jaqla' l-karozza misjuqa mill-attur, u manuvra bħal din qrib ta' *junction* li tgħaqqad aktar minn triq waħda ma kinitx manuvra għaqlija[10];

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrek waħdu kien jaħti għall-ħabta mertu tal-każ;

Illi <u>għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni</u> jibda biex jingħad illi l-kumpannija attriċi qegħda titlob somma speċifika bħala danni. Intwera li l-ħsara li ġarrbet il-karozza tal-attur assikurat kienet konsegwenza diretta tad-daqqa li qalgħet mill-karozza misjuqa mill-imħarrek. Il-provi dokumentali mressqa jixhdu wkoll li l-ħsara li ġarrbet il-karozza ta' l-assikurat kienet kompatibbli ma' daqqa fuq in-naħa ta' wara tagħha. Jirriżulta wkoll ippruvat li l-kumpannija attriċi ħallset kumpens lill-assikurat taghha u għalhekk hija ġiet surrogata fil-jeddijiet tiegħu fil-konfront ta' l-imħarrek;

Illi ladarba l-kumpannija attriċi hija surrogata fil-jeddijiet tal-assikurat tagħha hi għandha l-jedd li tiġbor mingħand il-persuna responsabbli kull spiża oħra illi l-assikurat kien ikollu l-jedd li jippretendi mingħand l-imħarrek. Jirriżulta b'mod dokumentat li nħarġu spejjeż oħra marbutin direttament ma' u b'riżultat ta' l-imsemmi inċident, liema spejjeż jikkonsistu fl-irmonk tal-karozza assikurata[11], fil-kiri ta' karozza min-naħa ta' l-assikurat għal żmien sbatax-il (17) jum[12] u kif ukoll għal xogħol ta' *panel beating*[13] u

[10] P.A. GV **13.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Grech vs Malcolm R. Woolsey***
[11] Fl-ammont ta' Lm 20.00, Dok f'paġ. 12 tal-proċess
[12] Fl-ammont ta' Lm 102.75, Dok f'paġ. 11 tal-proċess
[13] Fl-ammont ta' Lm 246.50, dok f'paġ. 8 tal-proċess

*spray work*[14] u xiri ta' partijiet tal-karozza li ma setgħux jissewwew[15];

Illi jrid jingħad ukoll illi t-talba għal kumpens dwar kiri ta' karozza għandu jitqies mistħoqq f'din iċ-ċirkostanza minħabba li ż-żmien li kellu jittieħed sakemm il-karozza tissewwa u l-partijiet illi kienu meħtieġa li jinbidlu jinxtraw, liema proċess tabilfors jieħu ċertu tul ta' żmien. Mill-kostatazzjonijiet magħmula, mqabblin mal-provi dokumentali mressqin, jirriżulta li l-ispejjeż totali li ntefqu biex u sakemm issewwiet il-karozza tal-attur jitilgħu għal elf erba' mija u sebgħa u sittin lira Maltija u sittin ċenteżmu (Lm1467.60). Dan l-ammont huwa ftit anqas minn dak mitlub fl-Att taċ-Ċitazzjoni, għalkemm għandu jingħad li t-talba ssemmi wkoll il-possibilita' ta' "somma verjuri li tillikwida din il-Qorti";

Illi la l-imħarrek u lanqas il-kumpannija li assumiet l-atti tal-kawża minfloku ma merew il-provi dokumentali mressqin mill-attriċi u lanqas jista' jingħad li ġiet b'xi mod attakkata l-kredibilita' jew l-attendibilita' tagħhom;

Illi jibqa' li jissemma punt dwar l-imgħaxijiet dekorribbli. Huwa minnu li l-kumpannija attriċi talbet il-ħlas ta' somma speċifika bħala danni minnu pretiżi. Ladarba t-talba kienet għal-likwidazzjoni in linea ta' danni, wieħed jista' jgħid li, skond il-prinċipji ordinarji, l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tal-likwidazzjoni tal-istess kumpens;

Illi, madankollu, hija l-fehma wkoll ta' din il-Qorti li r-regola hawn fuq imsemmija m'hijiex waħda assoluta. Dan jingħad għaliex, fejn is-somma pretiża, għalkemm mhix likwida, hija determinabbli, m'huwiex rakkomandabbli li l-imgħax jibda jgħaddi biss minn dak inhar tal-likwidazzjoni formali tal-ammont b'sentenza. Minbarra dan, ingħad li fejn l-ammont pretiż bħala dannu jkun imsemmi fl-att ġudizzjarju li bih titressaq l-azzjoni (jew f'att ġudizzjarju preċedenti għalih), l-imgħax fuq l-ammont talvolta likwidat għandu jibda jgħaddi minn dak inhar li l-imsemmi att jitwassal lill-parti intimata, ukoll jekk fl-aħħar mill-aħħar, l-

[14] Fl-ammont ta' Lm 189.75, dok f'paġ. 13 tal-proċess
[15] Fl-ammont globali ta' Lm 908.60, dokti f'paġġ. 9-10 u 14-5 tal-proċess

ammont attwalment likwidat mill-Qorti jkun anqas minn dak mitlub oriġinarjament[16]. Huwa biss meta l-ammont likwidat ikun bil-wisq anqas minn dak mitlub fl-Att taċ-Ċitazzjoni li l-imgħaxijiet jibdew jintgħaddu minn dak inhar tas-sentenza[17];

Illi jirriżulta mill-atti li l-imħarrek laqa' l-Att taċ-Ċitazzjoni fis-26 ta' Ottubru tal-2000[18], u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu minn dak inhar li jirriżulta li l-imħarrek laqa' għandu l-Att taċ-Ċitazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrek Eric Muscat waħdu jaħti għall-ħabta li seħħet f'Ħal Luqa nhar l-10 ta' Diċembru, 1999, bejn il-karozza reġistrata EBF-042 misjuqa mill-attur u dik reġistrata IAU-202 misjuqa mill-istess imħarrek, u dan minħabba nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tas-sewqan, u għalhekk għandu jagħmel tajjeb għall-ħsara mġarrba mill-atturi minħabba f'hekk;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-atturi fl-imsemmija ħabta fis-somma ta' elf erba' mija u sebgħa u sittin lira Maltija u sittin ċenteżmi (Lm 1467.60), li in kwantu għas-somma ta' Lm 1442.60 jirrappreżentaw danni mġarrba mill-kumpannija attriċi u l-bqija (Lm 25) huma d-danni mġarrba mill-attur bħala "*excess*";

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu s-somma hawn fuq likwidata lill-atturi, fl-ishma msemmija, u dan bħala danni, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'effett mis-26 ta' Ottubru, 2000, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrek bħala m'hux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-istess imħarrkin.

---

[16] App. Inf. **17.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Fogg Insurance Agencies Ltd. Noe vs Paul Tabone***
[17] App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Simon Micallef Stafreċe noe et vs James Gollcher et noe et***
[18] Ara r-riferta f'paġ. 22 *tergo* tal-proċess

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------